MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum il-21 ta' Ottubru, 2019

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1327/2019/1 LM

**Lorry Apap (Karta tal-Identità Nru 45959G)**

***vs.***

**(1) Is-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru;**
**(2) Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex;**
**(3) Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Lorry Apap** (K.I. 45959G) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li ġie ppreżentat fit-2 ta' Ottubru, 2019, li jgħid:

*Illi l-esponenti għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm lill-intimati milli:*

*B'xi mod ikomplu bil-proċess inizjat biċ-ċirkolari maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru – OPM Circular No. 8/2019 u għall-ħatra ta' Director (Maintenance and Restoration) fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.*

1. *Illi l-esponenti fil-preżent jokkupa l-kariga ta' Assistant Director fi ħdan il-Maintenance and Restoration Directorate tal-Ministeru għal Għawdex u mid-9 ta' Settembru 2019 ġie maħtur Acting Director tal-istess Direttorat;*

2. *Illi bejn l-2017 u l-2019, l-intimat Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru ħareġ is-segwenti sejħiet għal karigi fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex:*

    i. *OPM19/2017 – Director (Projects and Development) – Dok. A*
    ii. *OPM6/2018 – Director (Maintenance and Restoration) – Dok. B*
    iii. *OPM2/2019 – Director (Maintenance and Restoration) – Dok. C*
    iv. *OPM8/2019 – Director (Maintenance and Restoration) – Dok. D*

3. *Illi fl-ewwel tliet okkażjonijiet wara li l-esponent applika għal kariga in kwistjoni u jkun ġie kompletat il-proċess kemm ta' psychometric test kif ukoll ta' interview, l-esponent ġie infurmat jew li l-proċess ġie sospiż (Dok. E) jew li l-ħatra ma tkunx ser isseħħ (Dok. F u Dok. G);*

4. *Illi kif jidher minn Dok. G, nhar id-29 ta' Awwissu 2019 ir-rikorrent ġie nfurmat b'rabta mas-sejħa OPM2/2019 li l-ebda ħatra ma saret għall-kariga in kwistjoni;*

5. *Illi kif kellu dritt Lorry Apap nhar is-6 ta' Settembru 2019 ressaq petizzjoni lill-Kummissjoni intimata (Dok. H) b'rabta mas-sejħa bin-numru ta' referenza OPM2/2019;*

6. *Illi fl-istess data huwa ġie maħtur Acting Director fil-Maintenance and Restoration Directorate għal żmien sitt xhur jew sakemm timtela l-kariga in kwistjoni, skont liema sseħħ l-ewwel (Dok. I);*

7. *Illi minkejja li l-proċeduri u r-regolamenti dwar l-ingaġġ fis-Servizz Pubbliku jistipulaw illi meta ssir petizzjoni lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku b'rabta mal-ingaġġ, kull proċess ta' ingaġġ għall-kariga in kwistjoni jiġi sospiż, l-intimati ħarġu sejħa għall-ingaġġ għall-istess kariga ta' OPM 2/2019 u li issa ġġib in-numru OPM 8/2019 liema sejħa ħarġet fl-20 ta' Settembru 2019;*

8. *Illi b'hekk ser tkun ħarġet sejħa għall-ingaġġ tal-istess kariga tliet darbiet f'intervall ta' sitt xhur kull darba:*

    a. *7 ta' Settembru 2018;*
    b. *15 ta' Marzu 2019;*
    c. *20 ta' Settembru 2019,*

    *liema ħatra ma sseħħx jew l-ingaġġ jitwaqqaf mingħajr ebda raġuni ma tiġi mogħtija.*

9. *Illi safejn jaf l-esponent il-proċess rigwardanti l-petizzjoni minnu mressaq lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku għadu pendenti tant li sal-lum għadu ma rċieva l-ebda komunikazzjoni dwar l-istess;*

10. *Illi jekk l-intimati jitħallew jipproċedu bil-proċess inizjat minn OPM 8/2019 għal dak li jirrigwarda l-ħatra ta' Director (Maintenance and Restoration) fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, dan ħa jirreka preġudizzju irrimedjabbli lir-rikorrent għaliex mhux biss jistultifika u jġib fix-xejn il-proċeduri inizjati mill-petizzjoni mressqa mir-rikorrenti lill-Kummissjoni intimata iżda jċaħħad lill-esponent minn kull possibilità ta' eżekuzzjoni ta' kwalsiasi ġudikat li d-drittijiet tar-rikorrent ġew mittiefsa u li l-amministrazzjoni pubblika aġixxiet illegalment u/jew skorrettament;*

*Illi mill-premess jirriżulta l-prima facie dritt u l-preġudizzju irrimedjabbli li ser isofru l-esponenti kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti ma toħroġx l-istess mandat;*

*Illi għalhekk ir-rikorrenti jitolbu li dan il-mandat jintlaqa' immedjatament, fuq bażi provviżorja ħalli jiġu notifikati l-awtoritajiet relattivi u l-intimati jiġu inibiti kif deskritt aktar 'il fuq.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżomm lill-intimati milli jkomplu jagħmlu l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat illi l-intimati **Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru**, **is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex** u **l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku** ġew debitament notifikati bir-Rikors fit-2 ta' Ottubru, 2019.

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta’ Ottubru, 2019 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b’mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12

Rat ir-Risposta tal-intimati **Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex**, u **l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku** (minn issa ’l quddiem “l-intimati”), ippreżentata fis-7 ta’ Ottubru, 2019 fl-atti ta’ dan il-mandat, li tgħid kif ġej:

*Illi din it-tweġiba qed issir b’ħarsien tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti tat-2 ta’ Ottubru 2019.*

*Illi permezz ta’ rikors għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni, ir-rikorrenti qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi żżomm lill-intimati milli “b’xi mod ikomplu bil-proċess inizjat biċ-ċirkolari maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim’ Ministru - OPM Circular No. 8/2019 u għall-ħatra ta’ Director (Maintenance and Restoration) fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.”*

*L-esponenti jissottometti li t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi muri.*

***Ir-rekwiżiti legali sabiex ikun jista’ jinħareġ mandat ta’ inibizzjoni***

*Illi qabel ma jiġu indirizzati l-fatti tal-każ, l-esponenti sejrin jgħaddu sabiex jagħmlu sottomissjonijiet fil-qosor dwar ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni.*

*Illi l-Artikolu 873 (1) u (2) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liijiet ta’ Malta) jipprovdi illi:*

*“(1) L-iskop tal-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista’ tkun ta’ preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-Qorti m’għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet”.*

*Illi ġie wkoll ritenut illi mandat ta' inibizzjoni:*

*"huwa mezz eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali u l-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli … It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrenti, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat" [enfasi miżjuda mill-esponenti] (**Charles Mugliett vs Saviour Bonnici**, Prim Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fil-25 ta' Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs Mario Hili**, Qorti tal-Kummerċ, Rikors numru 3135/94 deċiża fit-22 ta' Settembru 1995).*

*L-esponenti jirrilevaw illi sabiex jinħareġ Mandat ta' Inibizzjoni, il-Qorti għandha ai termini tal-Artikolu 873 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tkun sodisfatta illi (a) tali ħruġ huwa meħtieġ sabiex jiġu mħarsa jeddijiet tar-rikorrenti u (b) li prima facie ir-rikorrenti għandu dawk il-jeddijiet.*

*L-esponenti jirreferu wkoll għall-provvediment fl-ismijiet **Dr Michelle Tabone et vs Verdala Mansions Limited et** (Mandat ta' Inibizzjoni numru 989/07FS) mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Lulju 2007 fejn ġie osservat illi:*

*"Ir-rekwiżiti essenzjali biex il-Qorti tordna l-Mandat ta' Inibizzjoni huma:*

I. *Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent [DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNEĊESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI];*
II. *Il-Qorti trid tkun sodisfatta li dak IR-RIKORRENT PRIMA FACIE JIDHER LI GĦANDU DAWK IL-JEDDIJIET".*

*Illi l-liġi tħares il-"jedd" prima facie, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. L-esponenti jirrileva illi wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta, disaġju jew tħassib (**L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti** – Mandat numru 976/08JRM).*

*Illi l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jew il-ħsara li minnha r-rikorrenti jilmenta tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu jiġi nieqes it-tieni element għall-ħruġ tal-mandat. Hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana li t-tielet rekwiit għall-ħruġ tal-mandat*

*(ċioe' li l-mandat ikun meħtieġ sabiex jitarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti) mhuwiex sodisfatt f'każ illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija waħda ntiża sabiex tirkupra danni. Dan għaliex ir-rikorrenti għandu l-ewwel nett iġib prova illi l-preġudizzju li jista' jsofri huwa wieħed irrimedjabbli u li ma jistax jiġi evitat ħlief bil-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni.*

*L-esponenti jirreferu għall-provvediment fl-ismijiet* ***Dr Kenneth Grima noe vs Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti*** *(Mandat ta' Inibizzjoni numru 288/2013) mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Marzu 2013 fejn ġie osservat illi:*

*"Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista' jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn "għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax jinħareġ il-Mandat jekk il-ħsara lamentata mir-rikorrenti tkun tista' tiġi rimedjata mod ieħor".*

*Illi in oltre, l-Artikolu 873 (3) tal-Kap. 12 jipprovdi s-segwenti:*

*"(3) Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġdizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma".*

*L-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 873 tal-Kap. 12 hija illi sabiex ikun jista' jinħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Gvern, iridu jiġu sodisfatti l-elementi kollha rikjesti b'mod kumulattiv u ċioe s-subinċiżi (1), (2) u (3) tal-imsemmi artikolu.*

***Il-fatti***

*Il-fatti saljenti li huma rilevanti għall-finijiet tar-rikors odjern huma s-segwenti:*

*Illi fil-15 ta' Marzu 2019, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ippubblika sejħa interna u ċioe' miftuħa għal uffiċjali pubbliċi għall-post ta' "Director (Maintenance and Restoration) fil-Ministeru għal Għawdex" – OPM 2/2019.*

*Illi r-rikorrenti, li preżentement jokkupa l-kariga ta' Assistent Direttur fi ħdan id-Direttorat tal-Maintenance and Restoration tal-Ministeru għal Għawdex, applika għal din is-sejħa.*

*Illi wara li nżammu l-intervisti mar-rikorrenti u mal-kandidati l-oħrajn kollha li sottomettew l-applikazzjoni tagħhom għal din is-sejħa, ġie deċiż illi l-ebda kandidat, inkluż ir-rikorrenti, ma kien idoneju sabiex jimla l-vakanza.*

*Illi r-rikorrent u l-kandidati l-oħra li applikaw ġew mgħarrfa b'dan permezz ta' ittra elettronika mibgħuta nhar id-29 ta' Awwissu 2019.*

*Illi sussegwentement, fis-6 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni intimata rċeviet petizzjoni magħmula mir-rikorrenti fejn saħaq illi hu jħoss illi kellu l-kapaċitajiet kollha neċessarji sabiex jintgħażel għall-kariga ta' Direttur. Din il-petizzjoni bdiet tiġi investigata u tinsab fl-istadji finali quddiem il-Kummissjoni.*

*Illi fl-20 ta' Settembru 2019, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ippubblika sejħa esterna għall-mili tal-post ta' "Director (Maintenance and Restoration) fil-Ministeru għal Għawdex" – OPM 8/2019 u dan għaliex fil-Ministeru għal Għawdex baqa' jinħass il-bżonn illi timtela l-kariga ta' Direttur li jmexxi dan id-Direttorat li jkun assistit minn Assistent Direttur; tant hu hekk illi s-Segretarju Permanenti fl-istess żmien appunta lir-rikorrenti bħala 'Acting Director' fid-Direttorat tal-Maintenance and Restoration għal perijodu ta' sitt xhur jew sakemm il-pożizzjoni timtela, skont liema jiġi l-ewwel.*

*Illi għandu jingħad ukoll illi r-rikorrenti kellu kull dritt biex japplika għal din l-aħħar sejħa, liema dritt fil-fatt uża meta dan applika għal din is-sejħa.*

*Illi l-prassi użata meta minkejja li ssir petizzjoni tinħareġ sejħa għall-mili tal-istess vakanza mertu tal-petizzjoni hija li minkejja li t-tieni sejħa tkompli għaddejja madanakollu ma ssirx ir-rakkomandazzjoni ta' ħatra ta' ebda kandidat sakemm ma tiġix deċiża u magħluqa l-petizzjoni*

*Illi fit-2 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrent ippreżenta r-rikors in risposta fejn talab li tintlaqa' t-talba proposta u fl-istess jum din l-Onorabbli Qorti provviżorjament laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni.*

***Mertu tar-rikors***

*Illi traċċjati l-fatti saljenti, l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, intenzjonati biex jivvessaw u jikkostitwixxu abbuż tal-proċedura ġudizzjarja.*

*Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jissottomettu li l-għażla għal kandidat għas-sejħa għal Direttur (Maintenance and Restoration) mertu ta' dan ir-rikors mhix ser ssir f'dan l-istadju qabel ma l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jkun ħa d-deċiżjoni finali fuq il-petizzjoni magħmula mir-rikorrenti. Illi mill-fatti li jiċċirkondaw dan il-każ, jidher li l-Kummissjoni għadha ma ħadet l-ebda deċiżjoni dwar il-petizzjoni tar-rikorrenti iżda l-petizzjoni tinsab fl-istadji finali tagħha. Illi jidher għalhekk li l-fatt li qed jittanta jwaqqaf ir-rikorrenti effettivament mhux ser isir u dan stante li l-għażla ta' Direttur (Maintenance and Restoration) minn fost il-kandidati li applikaw għas-sejħa mhux ser issir qabel ma tiġi risolva l-petizzjoni magħmula mill-istess rikorrenti. Illi per konsegwenza, wieħed mill-elementi għall-ħruġ tal-Mandat, għalhekk, mhuwiex sodisfatt. Fuq dan il-punt issir riferenza għad-Digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fit-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet* ***Jeffrey Farrugia vs Kummissarju tal-Artijiet et*** *(rikors numru 1109/13) deċiż fil-31 ta' Lulju 2013 fejn ġie osservat illi "Għal din il-Qorti huwa ben evidenti illi bid-dikjarazzjoni uffiċjali li saret illum mill-intimati mhuwiex sodisfatt ir-rekwiżit rikjest fl-ewwel parti tas-subinċiż (3) tal-Art. 873. U billi l-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi, jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat".*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, minkejja l-fatt li r-rikorrenti kien wieħed mill-kandidati li applikaw għall-għażla, mandankollu dan ma jagħtih l-ebda dritt awtomatiku li jintgħażel sabiex jimla l-vakanza. Id-dritt tar-rikorrenti kien li jipparteċipa fl-għażla iżda dak li huwa ċert huwa li r-rikorrenti ma għandu l-ebda dritt li jkun huwa li jintgħażel. Illi r-rikorrenti kellu wkoll id-dritt illi jikkontesta l-fatt illi ma ntgħażilx, kif fil-fatt għamel, u din il-petizzjoni magħmula mir-rikorrenti qiegħda preżentement tiġi investigata u għad jista' jkollha eżitu favorevoli għar-rikorrenti. Ir-rikorrenti kellu wkoll id-dritt illi japplika mill-ġdid għas-sejħa l-ġdida*

*bir-referenza OPM 8/2019, kif fil-fatt għamel. Il-waqfien tal-istess proċess mertu tar-rikors magħmul mir-rikorrenti jista' wkoll ikun għad-detriment tar-rikorrenti stess peress li dan applika wkoll għal din is-sejħa. Illi fil-kawża fl-ismijiet* ***Supretendent Anzjan Raymond G. Zammit vs Il-Ministru tal-Intern u Ġustizzja et*** *(rikors numru 1804/2008) deċiża fil-15 ta' Diċembru 2008 ġie osservat illi dina l-Onorabbli l-Qorti kif diversament presjeduta "Tqis li r-rikorrenti ma jidhirx li għandu jedd mad-daqqa t'għajn li tabilfors jingħata l-promozzjoni minnu mixtieqa. Ix-xewqa li wieħed jingħata promozzjoni ma tissarrafx tabilfors f'jedd li jiksibha. Il-jedd huwa dak li jieħu sehem fi proċess tal-għażla li jitmexxa kif imiss. Tqis li huwa minnu li r-rikorrent wera li huwa għandu kwalifiki mill-aqwa, servizz twil u esperjenza wiesgħa, kredenzjali sodi ta' responsabbilità, kwalifiki akkademiċi u għaqal fit-twettiq tal-ħatriet li dejjem ingħata tul il-karriera tiegħu fil-Korp. L-intimati ma jmieru xejn minn dawn il-kisbiet u ħiliet tiegħu. Iżda dawn l-elementi lanqas ma jidher li huma nieqsa f'dawk l-oħrajn minn sħabu li ġew qablu fil-gradwatorja (order of merit). Dan ifisser li l-eżerċizzju tal-għażla kien ir-riżultat ta' tqabbil ta' għadd ta' kriterji li kienu meqjusin flimkien mill-Bord. Tqis li huwa stabbilit li "The primary factor in determining the selection of officers for promotion is the maintenance of promotions, due consideration will be given to qualified officers serving in the Public Service and account is taken of qualifications, experience and merit, before seniority in the service". Il-kriterju tal-anzjanità huwa wieħed 'sussidjarju' għall-kwalifiki l-oħrajn li jitqiesu ewlenin u li jittieħdu flimkien".*

*Illi l-esponenti jissottomettu li dak li jrid jiġi muri huwa li r-rikorrenti għandu jedd li jistħoqq li jii kkawtelat liema jedd irid ikun wieħed oġġettiv u mhux suġġettiv u ċioe' illi l-jedd irid jidher prima facie jew mal-ewwel daqqa t'għajn għall-fini ta' din il-proċedura eċċezzjonali (ara* ***Grech pro et noe vs Manfre****).*

*Minn analiżi tar-rikors in risposta jirriżulta li ma hemm l-ebda jedd oġġettiv da parti tar-rikorrent illi jista' jitħares biss permezz tal-ħruġ tal-mandat in risposta. L-esponenti jissottomettu li f'kuntest ta' petizzjoni l-Kummissjoni tkun trid tindirizza l-punti mqajma fil-petizzjoni u tara li d-deċiżjoni dwar l-għażla tkun ittieħdet b'mod ġust u ekwu. Illi dan huwa li jipprovdu r-Regolamenti dwar il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet (L.S. KOST.05) u ċioe' li janalizza r-raġunijiet abbażi ta' liema tkun qed issir il-petizzjoni. Illi wieħed irid jinkwadra dan kollu taħt il-kappa li dawn mhumiex proċeduri kontenzjużi fis-sens li l-individwu għandu kull dritt li permezz tal-petizzjoni tiegħu jagħmel sottomissjonijiet sabiex juri li kien huwa li jimmerita li jingħata l-ħatra iżda f'dan il-kuntest ma hemm l-ebda "litiġju". Illi kif ingħad aktar 'il fuq, individwu ma għandu l-ebda dritt li jingħata l-ħatra anke*

*jekk l-istess individwu jħoss li huwa l-aktar persuna idoneja li tingħata tali ħatra u dan stante li huwa l-ġudizzju tal-persuna li taħtar li tiddetermina jekk il-persuna tkunx tista' tiġi fdata b'tali kariga.*

*L-esponenti jissottomettu li fi stadju ta' petizzjoni l-irwol tal-Kummissjoni huwa li tikkunsidra r-raġunijiet mogħtija minn kandidat li jkun ħass ruħu aggravat bir-riżultat tal-Bord tal-Għażla u l-iskrutinju li jsir mill-Kummissjoni huwa li tintalab spjegazzjoni mill-Bord tal-Għażla u raġunijiet dettaljati l-għala l-Bord tal-Għażla jkun wasal għal tali riżultat.*

*Illi r-rikorrenti m'għandu l-ebda dritt oġġettiv u l-ħruġ tal-Mandat ta' inibizzjoni de quo ġia huwa sprovvist mill-ewwel rekwiżit fundamentali tiegħu u dan stante li d-dritt li għandu f'dan il-kuntest ingħata lilu u ċioe li tħalla jipparteċipa fit-tiġrija u li kellu s-setgħa li jintavola petizzjoni jekk iħoss li għandu jikkontesta r-riżultat, kif fil-fatt għamel. Illi aktar minn hekk, l-istess rikorrenti applika fis-sejħa l-ġdida li ħarġet u li permezz tal-Mandat l-istess rikorrent qiegħed jittanta jwaqqaf. Fil-fehma tal-esponenti, talba għall-ħruġ ta' mandat ma' tistax isservi bħala "arm twisting" iżda jista' jinħareġ biss f'każ li r-rikorrenti juri li jeżisti jedd x'jikkawtela. L-esponenti jirreferu għall-provvediment fl-ismijiet* ***Geoffrey Bartolo vs Il-Kummissjoni Għas-Servizz Pubbliku et*** *(Mandat ta' Inibizzjoni numru 1737/17JRM) fejn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta osservat illi: "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (arm twisting) lill-parti intimta li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din".*

*Illi l-esponenti jirrilevaw għalhekk li huwa ċar li mad-daqqa t'għajn jidher biċ-ċar li r-rikorrent ma għandu l-ebda dritt oġġettiv x'jivvanta u dan stante li kif ġie muri f'dina r-Risposta l-esponenti dejjem imxew fil-parametri tal-liġi u bi tħaris tal-istess.*

*Illi l-esponenti jissottomettu wkoll illi l-ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni tintrabat mal-fatt jekk il-ħsara li minnha r-rikorrenti jillamenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Dan jimplika li r-rikorrenti għandu jġib prova li l-preġudizzju li ser isofri huwa wieħed li ma jistax jitranġa u li ma jistax jiġi evitat ħlief bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikorrent fil-paragrafu 10 tar-rikors in risposta qed jallega illi jekk il-proċess inizjat mis-sejħa bir-riferenza OPM 8/2019 jitkompla, dan ħa jikkawża preġudizzju irrimedjabbli lir-rikorrent għaliex skontu dan jistultifika u jġib fix-xejn il-proċeduri inizjati mill-petizzjoni mressqa mir-rikorrenti lill-Kummissjoni u jċaħħad lir-rikorrenti minn kull possibilità ta' eżekuzzjoni ta' kwalsiasi ġudikat. Dan il-preġudizzju irrimedjabbli ma jeżistix u dan għaliex bħal ma diġà ingħad iżjed 'il fuq, il-prassi kostanti segwita mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku hija li f'istanzi fejn ikun hemm sejħa oħra għall-istess post ta' sejħa preċedenti, u meta għas-sejħa preċedenti ma jkun intgħażel ħadd iżda dwarha jkun hemm petizzjoni pendenti, hija li minkejja li t-tieni sejħa tkompli għaddejja madanakollu ma jinħatar l-ebda kandidat sakemm ma tiġix deċiża u magħluqa l-petizzjoni. Illi dato ma non concesso illi jkun il-każ illi l-vakanza jkollha bżonn timtela b'mod urġenti u qabel ma tiġi finalizzata l-petizzjoni tar-rikorrenti, ir-regolament numru 26(2) tal-Liġi Sussidjarja L.S. Kost 05 jipprovdi illi l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku għandha biss tippermetti illi l-vakanza timtela jekk tista' tkun ċerta illi jista' jiġi provdut rimedju lill-petizzjonant anke wara li l-vakanza timtela. Għaldaqstant qatt ma jista' jinħoloq preġudizzju irrimedjabbli lir-rikorrenti. Ir-rikorrent għandu wkoll id-dritt illi jekk iħoss illi r-riżultat tat-tieni sejħa ma jkunx ġust, jista' wkoll jagħmel petizzjoni mir-riżultat tas-sejħa bir-riferenza OPM 8/2019 li għaliha applika, u għalhekk jerġa' jwaqqaf il-proċess mingħajr il-ħtieġa ta' ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi wieħed ma jistax jipprospetta l-ħtieġa ta' ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex jissalvagwardja dritt meta tali ħtieġa ma teżistix.*

*Illi din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta qieset illi:*

*"kemm hu hekk huwa stabbilit li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat."*[1]

*Illi għalhekk, l-esponenti tissottometti li l-proċedura odjerna konsistenti fit-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija kemm irritwali kif ukoll inidoneja u abbużiva u li għalhekk għandha tiġi skartata.*

*Di più, fil-każ odjern, huwa ċar li l-ħsara li r-rikorrent jista' jsofri huwa se mai ta' dannu pekunjarju minħabba telf ta' qliegħ. Sitwazzjoni bħal din tista' tiġi rimedjata*

---

[1] Digriet tal-PA għal Mandat ta' Inibizzjoni 1737/17JRM fl-ismijiet **Geoffrey Bartolo vs Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku et** 4 ta' Jannar 2018.

*billi tinfetaħ kawża għal riżarċiment tad-danni minħabba xi allegat ksur tal-proċedura tal-proċess tal-għażla. Ċertament li dan jista' jsir biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-proċess tal-għażla ma sarx kif suppost u kien preġudizzjevoli għalih fis-sens monetarju (ara **L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci nomine vs Id-Direttur tal-Kuntratti** tat-18 ta' Lulju 2008).*

*L-esponenti jerġgħu jagħmlu riferenza għall-provvediment fl-ismijiet **Supretendent Anzjan Raymond G. Zammit vs Il-Ministru tal-Intern u Ġustizzja et** (rikors numru 1804/2008) deċiż fil-15 ta' Diċembru 2008 fejn dina l-Qorti osservat illi "Tqis li, għar-rigward it-tieni element, il-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. B'żieda ma' dan, jekk kemm-il darba ma jintweriex li għad fadal isir xi ħaġa oħra minn dak li r-rikorrent qiegħed jitħasseb minnha, lanqas ma jkun sodisfatt l-element tal-ħtieġa. Tqis li, fil-każ preżenti, il-ħtieġa tar-rikorrenti li jinħareġ il-Mandat minnu mitlub ma tirriżultax għaliex jekk inhu minnu li l-proċess tal-għażla kien vizzjat, huwa jibqagħlu bla mittiefes il-jedd li jieħu l-passi meħtieġa biex jingħata r-rimedju jew il-kumpens li jixraq, jieqaf jew ma jiqafx il-proċess preżenti. Fit-tieni lok, diġà ntwera li, minn kemm ilu fil-kariga ta' superintendent, ir-rikorrent diġà ħa sehem darb'oħra f'sejħa għall-għażla u ma kienx intgħażel, iżda għadu ta' età tali u xejn ma jfixklu milli jerġa' jitfa' l-applikazzjoni f'każ ta' sejħa oħra li tista' ssir fil-ġejjieni".*

*L-esponenti jissottomettu li ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma jimmilitawx favur il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni għaliex anke t-tieni element huwa karenti.*

*Dwar l-aspett tal-proporzjonalità, meta wieħed jiżen il-preġudizzju jew hardship li jista' jġarrab ir-rikorrenti li kieku kellu jiġi finalizzat il-proċess tal-għażla ma' dak li jista' jseħħ li kieku t-talba għall-ħruġ tal-Mandat kellha tintlaqa', il-preġudizzju li ser isofri l-Gvern ħa jkun wisq akbar minn dak li potenzjalment jista' jġarrab ir-rikorrenti. Dan għaliex huwa manifest li l-għan għas-sejħa għall-għażla sar sabiex timtela' l-vakanza fis-servizz pubbliku b'funzjoni importanti fil-Ministeru intimat u dan peress li tali posizzjoni hija funzjoni neċessarja għal dak li jirrigwarda l-operat tal-Ministeru. Għandu jingħad illi l-ekonomija ta' Għawdex tiddependi ħafna mit-turiżmu u hu proprju l-kompitu tad-dipartiment tal-Maintenance & Restoration illi jżomm il-kundizzjoni tat-toroq kollha ta' Għawdex fi stat sigur b'manutenzjoni kostanti u dan sabiex jipprovdi l-utenti kollha tat-toroq f'Għawdex b'servizz ta'*

*kumdità u effiċjenza. Minħabba żieda fit-turiżmu u kif ukoll ta' persuni li jirrisjedu fil-Gżira ta' Għawdex fuq bażi regolari, il-Ministeru ħass illi kien hemm bżonn tal-pożizzjoni ta' Direttur (Maintenance & Restoration) u għaldaqstant l-operat tad-dipartiment in kwistjoni u tal-Ministeru innifsu jiġi mittiefes min-nuqqas ta' tali ħatra li ma jkunx possibli għalih li jagħti tali servizz b'mod effiċjenti sabiex iħares lill-utenti fit-toroq ta' Għawdex minn inċidenti kawżati mill-istat tat-toroq. Kien għal din ir-raġuni illi t-tieni sejħa ħarġet proprju daqshekk malajr wara li ma sar l-ebda ħatra fis-sejħa preċedenti, sabiex jinbeda l-proċess biex timtela din il-vakanza u dan sabiex jekk il-petizzjoni ma tkunx ta' suċċess, il-Ministeru jkun diġà beda l-proċess sabiex timtela l-vakanza u mhux ikollu jistenna xi sena wara biex jagħmel dan. Kien ukoll proprju għalhekk li l-esponenti Segretarju Permanenti għal Għawdex ħass il-bżonn illi jaħtar lir-rikorrenti bħala 'Acting Director' għaż-żmien sakemm timtela din l-istess vakanza. Fil-preżent, meta l-Assistant Direttur ikun nieqes mill-Uffiċċju għal kwalunkwe raġuni, id-Dipartiment jisfa mingħajr Kap bil-konsegwenza li jistaġna x-xogħol għax m'hemmx persuna li tista' tagħmel ix-xogħol tiegħu minfloku. Għaldaqstant, f'każ li l-mandat odjern jiġi milqugħ, il-Gvern ta' Malta ser isofri żewġ preġudizzji, ossia nuqqas fl-operat tal-Ministeru li ma jkunx jista' joffri servizz liċ-ċittadin kif ukoll nuqqas ta' riżorsi fil-Ministeru.*

*Illi min-naħa l-oħra, l-preġudizzju li semmai jista' jsofri r-rikorrenti huwa ferm inqas minn dak li ġarrab l-esponenti u dan stante li r-rikorrenti dejjem għandu l-fakultà li jerġa' jagħmel petizzjoni mis-sejħa attwali OPM 8/2019 u/jew li jitlob kumpens pekunjarju quddiem il-Qrati ordinarji sabiex jagħmel tajjeb għal ħsarat li jidhirlu li ġarrab.*

*F'dawn iċ-irkostanzi, għalhekk meta wieħed iqabbel il-preġudizzju li jista' jsofri l-Gvern ma' dak li jista' jsofri r-rikorrenti huwa bil-bosta evidenti li d-dannu li jista' jġarrab il-Gvern fl-eventwalità li jinħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub, huwa ferm akbar mid-dannu li jista' jsofri r-rikorrenti li kieku dan il-mandat ma jinħariġx.*

*Illi għalhekk, ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex toħroġ il-mandat in kwistjoni peress li ma jikkonkorrux l-elementi neessarji għall-ħruġ ta' tali mandat. In fatti, kif ġie muri, dak li qed jittenta jwaqqaf ir-rikorrenti mhuwiex maħsub li jsir. Illi jsegwi għalhekk li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda.*

*Illi lanqas fil-mertu, ir-rikorrenti ma rnexxilux jipprova li t-talba tiegħu hija mistħoqqa u dan stante illi l-liġi teħtieġ li r-rikorrenti juri żewġ ħwejjeġ biex ikun*

> *jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' tali mandat. L-ewwel ħaġa li jrid juri hu li l-mandat huwa meħtieġ biex iħares il-jedd pretiż mir-rikorrenti u t-tieni ħaġa li r-rikorrenti jkun jidher li prima facie għandu dak id-dritt. Iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi.*
>
> *Illi fil-każ odjern, jidher bl-aktar mod lampanti li r-rikorrenti ma għandux prima facie d-drittijiet li qed jippretendi li għandu u kieku kellu tali drittijiet il-mandat ta' inibizzjoni li qed jitlob il-ħruġ tiegħu fi kwalunkwe każ ma kienx ikun meħtieġ sabiex ir-rikorrenti jħares id-drittijiet pretiżi minnu.*
>
> *Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponenti tissottometti li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2019, fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz tal-mandat odjern, ir-rikorrent qiegħed jittenta jżomm lill-intimati milli jkomplu bil-proċess inizjat permezz taċ-ċirkolari maħruġa mill-Uffiċċju tal-

Prim Ministru bin-numru 8/2019 għall-ħatra ta’ Direttur (Maintenance & Restoration) fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Ir-rikorrent, li fil-preżent jokkupa l-kariga ta’ Assistent Direttur fi ħdan l-istess Ministeru, applika għal numru ta’ *headship positions* li nħarġu fl-aħħar sentejn, kollha għall-mili ta’ karigi fil-livell ta’ direttur. Iżda wara li saru l-*interviews* u l-proċessi relatati mal-mili ta’ dawk il-*vacancies* fis-servizz pubbliku, ir-rikorrent ġie infurmat jew li l-proċess ġie sospiż jew inkella li l-ħatra mhix ser isseħħ. L-Uffiċċju tal-Prim Ministru fil-15 ta’ Marzu, 2019 ħareġ sejħa għall-mili tal-*vacancy* ta’ Direttur (Maintenance and Restoration), u r-rikorrent applika għaliha, iżda fid-29 ta’ Awwissu, 2019, ir-rikorrent, flimkien mal-applikanti kollha li applikaw għal din il-kariga, ġie infurmat li ma kienet saret ebda ħatra dwar din il-*vacancy*. Kien hawnhekk li r-rikorrent ressaq petizzjoni quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, u fl-istess żmien hu ġie maħtur Acting Director għal perijodu ta’ sitt xhur jew sakemm timtela din il-kariga, skont liema jiġi l-ewwel. Fl-20 ta’ Settembru, 2019, u għalhekk meta r-rikorrent kien diġà ppreżenta l-petizzjoni tiegħu, ħarġet sejħa oħra għall-kariga ta’ Direttur (Maintenance and Restoration) fl-istess Ministeru, u b’differenza mill-ewwel sejħa, din is-sejħa hija waħda esterna billi ġiet estiża wkoll għal persuni li ma jaħdmux diġà fis-servizz pubbliku. Huwa dan it-tieni proċess ta’ għażla li r-rikorrent qiegħed jittenta jwaqqaf bil-mandat odjern, u dan in vista tal-imsemmija petizzjoni mressqa minnu li għadha pendenti. Ir-rikorrent jgħid li kull proċess ta’ ingaġġ rigward il-kariga li dwarha hemm petizzjoni, għandu jiġi sospiż sakemm tiġi deċiża dik il-petizzjoni.

Min-naħa tagħhom l-intimati wieġbu li huwa minnu li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-20 ta' Settembru, 2019 ippubblika sejħa esterna għall-mili tal-post ta' Direttur (Maintenance and Restoration), imma l-għażla ta' direttur skont din it-tieni sejħa minn fost il-kandidati li applikaw, mhijiex ser issir qabel il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku tiddeċiedi dwar il-petizzjoni tar-rikorrent. L-intimati qalu li l-prassi hija li fejn issir petizzjoni, u xorta waħda tinħareġ sejħa għall-mili tal-vakanza mertu tal-petizzjoni, ma ssir ebda rakkomandazzjoni għall-ħatra sakemm ma tiġix deċiża l-petizzjoni. Ġie eċċepit għalhekk f'dan il-kuntest, li dak li qiegħed jipprova jwaqqaf ir-rikorrent mhux ser isir, u għalhekk m'hemmx lok għall-ħruġ ta' dan il-mandat.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta kopja ta' għadd ta' ċirkolarijiet intestati '*Filling of Headship Positions*', bil-*vacancies* li huwa kien interessat fihom u li applika għalihom[2]; kopja ta' *email* tal-11 ta' Diċembru, 2017[3], mibgħuta lir-rikorrent mill-Management Support Directorate fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fejn ir-rikorrent ġie mgħarraf li l-proċess għall-mili tal-*vacancy* ta' Direttur (Projects Development) fil-Ministeru għal Għawdex jinsab sospiż; kopja ta' *email* tal-15 ta' Jannar, 2019[4], fejn ir-rikorrent ġie infurmat li l-proċess għall-mili tal-*vacancy* ta' Direttur (Maintenance and Restoration) fil-Ministeru għal Għawdex ma kinitx ser timtela; kif ukoll kopja ta' *email* tad-29

[2] *A fol.* 5 tal-proċess.
[3] *A fol.* 41 tal-proċess.
[4] *A fol.* 42 tal-proċess.

ta' Awwissu, 2019, fejn għal darb'oħra r-rikorrent ġie infurmat li l-*vacancy* għall-post ta' Direttur (Maintenance and Restoration) fil-Ministeru għal Għawdex ma kinitx ser timtela. Id-darbtejn ir-rikorrent ġie infurmat li:

*"You may wish to be informed that no appointment was made to this position."*

Ġiet esebita wkoll kopja tal-petizzjoni li r-rikorrent bagħat lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fis-6 ta' Settembru, 2019[5], u kopja ta' ittra mibgħuta lir-rikorrent mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex fis-6 ta' Settembru, 2019, li permezz tagħha r-rikorrent ġie infurmat li b'effett mid-9 ta' Settembru, 2019, huwa kien qiegħed jiġi maħtur fil-kariga ta' Acting Director fil-Maintenance and Restoration Directorate tal-Ministeru għal Għawdex.[6]

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2019 xehdet **Angele Cilia Degiorgio**[7], in rappreżentanza tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, li kkonfermat li wara li r-rikorrent ippreżenta l-petizzjoni tiegħu fis-6 ta' Settembru, 2019, għad ma kien hemm ebda komunikazzjoni miegħu dwarha. Ix-xhud qalet li din il-petizzjoni bdiet tiġi investigata, u għal dan il-għan intalbu l-kummenti tal-Bord tal-Għażla. Ix-xhud ikkonfermat li meta persuna tippreżenta petizzjoni quddiem il-Kummissjoni, il-proċess marbut mal-għażla jieqaf hemmhekk. Ix-xhud qalet ukoll li l-Kummissjoni ma kellhiex x'taqsam mal-proċess marbut mat-tieni sejħa u mal-għażla li trid issir f'dak ir-rigward.

---

5 *A fol.* 44 tal-proċess.
6 *A fol.* 46 tal-proċess.
7 *A fol.* 68 tal-proċess.

Waqt l-istess udjenza xehdet ukoll **Carmen Ogilvy Galea**[8] in rappreżentanza tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex, li kkonfermat li r-rikorrent kien ilu madwar ħames snin jokkupa l-kariga ta' Assistent Direttur fl-istess Ministeru. Din ix-xhud qalet li l-aħħar darba li kien hemm xi ħadd li jokkupa l-kariga ta' Direttur kien fl-2017, u l-persuna li kienet tokkupa din il-kariga kienet ġiet sospiża.

## <u>Konsiderazzjonijiet legali</u>

Illi skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

---

[8] *A fol.* 66 tal-proċess.

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*[9]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[10]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.";

---

[9] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech pro et noe *vs. Stephanie* Manfre** - Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

[10] P.A., 13.05.2014.

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[11]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[12] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

---

[11] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.

[12] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-mandat ta' inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[13]

(5) "Ir-rabta ta' mandat ta' inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-mandat ta' inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[14]

---

[13] P.A., 25.01.2005.
[14] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat.[15]

**Ikkonsidrat:**

Permezz tal-mandat ir-rikorrent qiegħed jipprova jwaqqaf il-proċess marbut mal-ħatra ta’ Direttur (Maintenance and Restoration) fil-Ministeru għal Għawdex, liema proċess inbeda wara l-ħruġ ta’ ċirkolari mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-20 ta’ Settembru, 2019. F’dawn l-aħħar sentejn kien hemm għadd ta’ *vacancies* għall-mili ta’ *headship positions* fl-istess Ministeru, li r-rikorrent applika għalihom kollha, iżda kull darba huwa ġie infurmat jew li l-proċess tal-għażla kien ġie sospiż, inkella li l-ħatra inkwistjoni ma kinitx ser isseħħ. Wara li r-rikorrent fid-29 ta’ Awwissu, 2019 ġie infurmat li lanqas il-ħatra ta’ Direttur (Maintenance and Restoration) ma kienet ser issir, huwa ressaq petizzjoni quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, u sussegwentement ġie mgħarraf li huwa kien inħatar Acting Director fl-istess kariga għal perijodu ta’ sitt xhur jew sakemm timtela din il-kariga, skont liema tiġi l-ewwel. Ftit tal-ġranet wara, proprju fl-20 ta’ Settembru, 2019, inħarġet sejħa oħra għall-mili tal-istess *vacancy*, għalkemm din it-tieni sejħa infetħet għall-pubbliku in ġenerali u ma baqgħetx ristretta għall-ħaddiema li diġà jaħdmu fis-servizz pubbliku. Ir-rikorrent qiegħed jitlob li l-proċess tal-għażla marbut ma’ din it-

[15] **Marica Cassar et *vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

tieni sejħa għandu jiġi sospiż in vista tal-petizzjoni mressqa minnu quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.

Waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2019 l-intimati ddikjaraw li għad li nħarġet is-sejħa bir-referenza 8/2019, madanakollu l-intimati m'għandhomx il-ħsieb li jiffinalizzaw il-proċess tal-għażla għal din il-kariga qabel ikun hemm eżitu finali għall-petizzjoni mressqa mir-rikorrent quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Ix-xhud Angele Cilia Degiorgio in rappreżentanza tal-intimata Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku xehdet li l-petizzjoni tar-rikorrent qiegħda tiġi pproċessata u diġà ntalbu l-kummenti tal-persuni li kienu fuq il-Bord tal-Għażla sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tasal għad-deċiżjoni tagħha fir-rigward tal-petizzjoni tar-rikorrent.

Il-Qorti tqis li mill-atti jirriżulta li qabel mal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku tiddeċiedi dwar il-petizzjoni tar-rikorrent, il-proċess tal-għażla marbut mat-tieni sejħa mhuwiex ser jiġi finalizzat. Dan ifisser li dak li qiegħed jipprova jwaqqaf ir-rikorrent permezz tal-mandat, fil-fatt mhuwiex ser isir, kif *del resto* ġie dikjarat mill-intimati stess għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kap. 12 saħansitra fir-risposta tagħhom. Ifisser għalhekk li huwa nieqes wieħed mill-elementi li l-liġi trid li jissussistu sabiex ikun jista' jintlaqa' mandat ta' din ix-xorta, liema elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi, peress li dak li qiegħed jipprova jwaqqaf ir-rikorrent bil-mandat, fil-fatt m'hemm l-ebda ħsieb li jittwettaq sakemm r-rikorrent jingħata deċiżjoni dwar il-petizzjoni tiegħu. Barra minn hekk ir-rikorrent ma jistax permezz tal-mandat iwaqqaf proċess li eventwalment jista' jwassal għall-ħatra *ai termini* tat-tieni sejħa, wara li tkun

ġiet deċiża l-petizzjoni tar-rikorrent mill-intimata Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, liema proċess skont kif ingħad mill-intimati fir-risposta tagħhom, jieħu madwar sena biex jiġi finalizzat. Terġa' u tgħid mill-atti jirriżulta wkoll li anki r-rikorrent għandu interess fil-proċess tat-tieni sejħa, peress li mir-risposta tal-intimati jirriżulta li anki r-rikorrent applika għal din it-tieni sejħa u għaldaqstant lanqas mhuwa fl-interess tar-rikorrent li l-proċess rigward it-tieni sejħa jiġi interrott indefinittivament. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tqis li m'hemmx lok għall-ħruġ ta' dan il-mandat.

**Decide**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tirrevoka *contrario imperio* l-effetti tad-digriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2019 sa fejn kienet laqgħet ir-Rikors b'mod provviżorju, u qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrent in vista tal-fatt li ma jirriżultawx l-estremi maħsuba fil-liġi sabiex jinħareġ mandat ta' din ix-xorta.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrent.**

Mogħti kameralment fil-21 ta' Ottubru, 2019.